# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 14 ta' Jannar 2019**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Johann J. Fenech)**
**vs**
**Albert Mifsud**

**Kumpilazzjoni Numru 442/2017**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Albert Mifsud u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 421658(M).

Akkuzat talli fit-12 ta' Awwissu 2017 ghall-habta tat-08:00am gewwa l-istabbiliment Red Stars sitwat fi Triq San Girgor, Zejtun:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Jimmy (Gerolamo) Buhagiar (ID nru 345677M), minhabba li l-istess offiza ggib mankament jew sfregju fil-wicc ta' l-istess Buhagiar, skond kif iccertifika Dr. I. Psaila MD mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, kif ukoll

2. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provedimenti ta' l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Jimmy (Gerolamo) Buhagiar.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi tratta bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar it-12 ta' Awissu 2017 ghall-habta tat-8.00am f'l-istabbiliment, ossia bar, b'l-isem Red Stars fi Triq San Girgor iz-Zejtun, f'liema incident wegga certu Jimmy Buhagiar.

Illi jibda biex jinghad li minbarra d-depozizzjoni ta'l-ufficjal prosekutur u s-surgent li ha r-rapport li spjegaw x'wassal biex ittiehdu l-proceduri odjerni, u tat-tabib biex jikkonferma l-griehi sofferti minn Buhagiar, l-unika xhieda ghal dak li seta' gara f'l-incident in ezami kienu l-imsemmi Jimmy Buhagiar, xhud tal-prosekuzzjoni, u certu Sean Cremona li tressaq bhala xhud in difeza.

Illi Jimmy Buhagiar jirrakkonta[1] li l-Gimgha fil-ghaxija wara li spicca xoghol, ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu, prova jorqod imma ma setax u hareg dawra sa Birzebbugia, baqa' jdur u spicca z-Zejtun u hemm ha l-bar Red Stars miftuh. Dahal hemm u beda jixrob. Buhagiar ikompli jirrakkonta hekk: *ghal wiehed hadt tnejn fis-sens m' ghogobni xejn, ... kull*

[1] Ref depozizzjoni a fol 36 et seq.

*darba li nixrob drink kull darba jghidli kif qed thossok*. Jghid ukoll li huwa sewwieq tal-karozzi tal-linja u ghandu limitu kemm jista jixrob; ha z-zewg drinks limitu tieghu u waqaf hemm. Pero tal-bar baqa' jgieblu drinks u hu (Buhagiar) jaghtihom li ta ma genbu. Buhagiar ikompli jghid li ghadda ftit tal-hin u *regghu gabu iehor, jien ma hadtx ghax jien ghidtlu tini koka zero, kull darba jtini vodka bil-koka ghax jien dawk huma l-ewwel zewg drinks bhal ma hadt u waqfet hemm l-istorja*. Buhagiar ikompli jghid li l-barman beda joffrilu xi haga; ghalkemm huwa qatt ma semma x'kienet din il-haga implika pero li kienet xi tip ta' sustanza illecita. Buhagiar irrepeta kemm il-darba li huwa beda jistaqsi ghal koka imma minflok l-barman jaghtih vodka li huwa ma hadux imma beda jqassmu lil ta' ma genbu. Jghid ukoll li tal-bar ma ridx jithallas ghad-drinks. Meta eventwament Buhagiar kien jiereg mill-bar, miexi 'l barra u kien ghad fadal l-ahhar tlett metri mill-bieb dahal l-imputat, dak il-hin regghu saqsewh biex jiehu drink u hu (Buhagiar) dawwar rasu u l-imputat beda jaghtih *left right and centre*. Buhagiar zied li l-imputat tah id-daqqiet b'*hadida li ddahhal f'idejk, qisha criki*. Dawk li kienu hemm fil-bar gew izommuh lill-imputat u x'hin l-imputat rah lil Buhagiar wiccu mimli demm hareg 'l barra u qal lil tal-bar biex jahslu d-demm u jaghlqu. X'hin l-imputat hareg, lil Buhagiar tawh il-mobile (li kien waqa') u qalulu biex ma jersaqx aktar 'l hemm; hu telaq u mar l-ghassa taz-Zejtun. X'hin kien hiereg ra lill-imputat inehhi l-hadida minn ma' idejh. Meta telaq minn hemm Buhagiar mar l-ghassa biex jaghmel rapport.

Illi in kontroezami Buhagiar qal li huwa dahal fil-bar ghall-habta tal-hamsa, il-hamsa u nofs ta' fil-ghodu u kien rega' jmissu xoghol fis-siegha u nofs ta' wara nofs in-nhar. Specifika li apparti hu fil-bar kien hemm tnejn wara l-bar u zewg klienti. Rega qal li huwa ordna vodka bil-koka imma m'ghogbux pero l-barman rega tah iehor u lanqas dan ma xorob kollu; ikkonferma li l-barman ma ridx flus ghad-drinks. Buhagiar iccara li hu dam xi saghtejn u nofs hemm ghax telaq ghall-habta tat-tmienja u insista li kull ma ha f'dak il-hin kienu zewg vodka bil-koka. Qal ukoll li huwa hass li ma kienx postu f'dak il-bar kemm minhabba li d-drinks m'ghogbuhx u anke minhabba d-diskors li kien qed jintqal u dak li kienu qed joffrulu. Zied ukoll li meta l-imputat kien qed jaggredih huwa ma rritaljax imma sempliciment gholla

idejh ma wiccu biex jilqa d-daqqiet; l-imputat baqa jaghti anke meta Buhagiar tella' idejh tant li kissirlu l-arlogg.

Illi Sean Cremona da parti tieghu jghid[2] li huwa kien jahdem f'Casino u wara ix-xoghol meta l-imputat ikollu bzonn imur jghinu. Fil-gurnata in ezami huwa spicca xoghol fis-saghtejn ta' fil-ghodu u baqa sejjer fil-bar ta'l-imputat. Dak il-hin l-imputat kien hemm pero telaq u halla kollox f'idejn Cremona. Cremona jkompli jispjega li Buhagiar wasal fil-bar ghall-habta tas-saghtejn jew it-tlieta ta' fil-ghodu ma persuna ohra (hu qatt ma kien rahom qabel); dak il-hin kien hemm hu fil-bar u xi tlett klienti abitwali ohra. Jghid li Buhagiar beda il-hin kollu jipprova jaqla l-glied mal-klienti l-ohra tant li anke siehbu beda jipprova jikkalmah; dan (siehbu) fil-fatt telaq qabel Buhagiar. Cremona jghid li ghall-habta tal-erbgha u nofs il-hamsa t-tlett klienti l-ohra ridu jitilqu imma Buhagiar ma hallihomx u ghalkemm purvaw jitilqu diversi drabi Buhagiar ma halliehomx. Meta ra hekk Cremona cempel lill-imputat li wara ftit gie fil-bar u talab lil Buhagiar biex jitlaq ghax kien sar il-hin biex jaghlqu. Buhagiar ma ridx jitlaq ghalhekk l-imputat ippuntah fid-direzzjoni tal-bieb izda Buhagiar mill-ewwel hebb ghalih u waqghu ma'l-art. It-tlett klienti qamu huma ukoll u marru biex jaqalaw lil Buhagiar u qamet gegwiggija shiha. Meta irnexxielhom jaqalaw lil Buhagiar "*tefawuh 'l barra*" u ghalqu l-bieb sa kemm telaq 'l hemm (Cremona jghid li baqa Buhagiar baqa wara l-bieb jghajjat). Eventwlament hargu huma ukoll. Cremona jichad li huwa offra xi sostanza lil Buhagiar.

Illi minkejja li l-imputat ma xehedx huwa kien irrilaxxja stqarrija. Fiha ma tantx jghid wisq. Jispjega li kien ircieva zewg telefonati biex imur fil-bar ghax kien hemm wiehed "*qed jitqazzez*"; mar u sab tnejn qed jargumentaw: Buhagiar u klient abitwali. Infurmawh li Buhagiar kien ilu jistiedinhom ghal-glied u li (Buhagiar) anke ried jaghlaq il-hanut. L-imputat ghalhekk iddecieda li jaghlaq il-hanut u meta mar biex jghidlu johrog Buhagiar imbuttah u tefghu f'l-art u qabez ghal fuqu. L-ohrajn tefghuh 'l barra u hu ghalaq. Jichad li hu b'xi mod agredixxa lil Buhagiar jew li kellu xi hadid, pero jammetti li meta ghalaq u ra lil Buhagiar barra ra d-demm ma wiccu.

---

[2] Depozizzjoni a fol 98 u 122.

Ikkunsidrat

Illi huwa car li mhux biss hemm kunflitt  bejn il-verzjonijiet mghotija imma hemm anke kontradizzjonijiet f'dak li jghid kull wiehe miz-zewg xhieda. Aghar minn hekk pero z-zewg xhieda (Jimmy Buhagiar u Sean Cremona) xejn ma kienu kredibbli u jistghu jigu skreditati f'hafna affarijiet milli qalu. L-unika fatti li gew stabbiliti minghajr dubbju huma li kien hemm kollutazzjoni bejn l-imputat u Jimmy Buhagiar u li f'din il-kolluttazzjoni intervjenew ukoll (anke jekk periferalment) iz-zewg jew tlett klienti li kien hemm fil-bar u possibilment anke Sean Cremona. Gie stabbilit ukoll li f'din il-kollutazzjoni Buhagiar sofra griehi f'wiccu.

Illi pero dwar x'verament sehh fil-bar qabel  ma wasal l-imputat u x'wassal ghall-kollutazzjoni bejn l-imputat u Buhagiar il-Qorti ghandha dak 'l hekk imsejjah lurking doubt u fil-fehma taghha ma jistax jigi stabbilit minn beda l-glieda. F'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li l-imputazzjonijet li bihom qed jigi addebietat l-imputat gew pruvati fil-grad rikjest mill-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**